MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Numru 1207/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**TERENCE VELLA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Terence Vella ta’ 24 sena bin Francis u Mary Anne nee’ Cassar, imwieled Pieta’, nhar it-22 ta’ Gunju 1982, u residenti gewwa fond b’numru 13, ‘St Rose’, Triq il-Gdida, Msida, detentur tal-karta ta’ l-identita’ b’numru: 339582(M) gie akkuzat talli matul il-gurnata ta’ nhar is-16 t’Ottubru 2006, gewwa B’Kara:

1. Ikkommetta serq ta' stereo minn gewwa karozza b'numru ta' registrazzjoni DBE 097, ghad-dannu ta' Caroline Hili minn Haz-Zebbug, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikolu 261(g), u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-istess karozza b'numru ta' registrazzjoni DBE 097, ghad-dannu ta' Caroline Hili minn Haz-Zebbug, liema hsara hija ta' izjed minn hamsin lira Maltin (LM50), izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat serq sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kiser provvediment ta' sentenza sospiza li saret definittiva datata 29/03/2006 mill-Qorti ta' l-Appell (Malta);
5. U fl-ahhar nett talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Malta) datata 29/03/2006 u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RM3 u nnutat li l-imputat Terence Vella iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-12 ta' Frar, 2007 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li it-tielet akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u

ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuza.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tat-12 ta' Frar, 2007 li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-12 ta' Frar, 2007 l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u l-parte civile Caroline Hili presenti fl-Awla iddikjaraw li jaqblu li l-ammont dovut lill-istess parte civile mill-imputat rigward dan il-kaz huwa ta' mija u hamsa u sittin Liri Maltin (Lm165) u dana a saldu ta' kull pretensjoni li l-parte civile Caroline Hili ghandha f'dan il-kaz.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal hawn fuq riferit l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data tat-12 ta' Frar, 2007 ihallas lill-parte civile Caroline Hili s-somma ta' mija u hamsa u sittin Liri Maltin (LM165).

Inoltre innutat li fl-istess Verbal tas-Seduta tat-12 ta' Frar, 2007 il-parte civile Caroline Hili iddikjarat li qeghda taccetta din il-modalita' ta' hlas proposta mill-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 261(g), 271(g), 281(a), 325(b), 28B, 28C, 17(b), 31, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Terence Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontru tieghu salv it-tielet akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, li nonostante l-eta’ pjuttost zghira tieghu tali fedina penali mhi xejn felici, il-problema tad-droga li ghandu l-imsemmi imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tat-12 ta’ Frar, 2007 li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li l-imputat fil-Verbal tas-Seduta tat-12 ta’ Frar, 2007 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data tat-12 ta’ Frar, 2007 ihallas lill-parte civile Caroline Hili is-somma ta’ mija u hamsa u sittin Liri Maltin (LM165) u li fil-Verbal tal-istess Seduta tat-12 ta’ Frar, 2007 il-parte civile Caroline Hili iddikjarat li qeghda taccetta din il-modalita’ ta’ hlas proposta mill-imputat, u ghaldaqstant inkwantu ghall-akkuzi kollha salv ghat-tielet akkuza (li tirrigwarda ricettazzjoni) u ghar-raba’ akkuza (li tirrigwarda l-ksur ta’ provvediment ta’ Sentenza sospiza) tikkundanna lill-imputat Terence Vella ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u li nkwantu ghar-raba’ akkuza (li tirrigwarda l-ksur ta’ provvediment ta’ Sentenza sospiza) tordna li fil-konfront tal-imputat Terence Vella tigi resa operattiva is-Sentenza sospiza li nghatat fl-10 ta’ Lulju, 2004 mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. fejn l-imputat Terence Vella gie kkundannat ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba (4) snin, liema perjodu operattiv ta’ din is-Sentenza sospiza gie estiz b’Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Frar, 2006, liema Sentenza tal-21 ta’ Frar, 2006 saret definittiva (ara Dok RM7 – vera kopja fotostatika ta’ Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali – per Onor. Imhallef Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.) moghtija fid-29 ta’ Mejju, 2006 fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs Terence Vella omissis”, u ghalhekk l-imputat Terence Vella ghandu jaghmel sentejn prigunerija rigward din ir-raba’ akkuza, u b’hekk l-imputat Terence Vella ghandu jaghmel erba (4) snin prigunerija b’kollox.

Inkwantu ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Terence Vella fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal

Prosekutur rigward din l-akkuza fil-Verbal tas-Seduta tat-12 ta’ Frar, 2007 u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza stante li din l-akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq.

Finalment, fid-dawl tal-problema tad-droga li ghandhu l-imputat Terence Vella, tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin biex jara li tali problema tal-imputat tkun indirizzata ghal fini li l-istess imputat ikun jista johrog minn din il-problema tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------